# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1122

Kaz Nru. 1325

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Mario Azzopardi

u

Il Palmento Limited

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 13 ta' Gunju, 2000

**Chairman : Is-Sur Maurice Petrocochino**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onor Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 15 ta' Marzu, 1999 b'riferenza MSP/TI/26/99 biex jiddeciedi dwar l-allegata tkeccija ngusta skond l-Art. 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz, il-kumpanija qalet li l-appellant kien gie mpjegat bhala barman b'paga ta' circa Lm85 fil-gimgha u li, minhabba l-esigenzi tax-xoghol tal-industrija taghha s-sighat tax-xoghol mhumiex daqstant regolari u allura kien sar ftehim illi l-paga, li kienet ferm oghla minn dik minima nazzjonali, kellha tkopri kwalsiasi sighat mahduma nkluzi Hdud u Festi; qalet ukoll li dana b'ebda mod ma gew imnaqqsa d-

drittijiet tal-appellant skond il-Kap. 135; qalet li wara spezzjoni mid-Dipartiment tax-Xoghol u fuq parir taghhom, gie deciz li l-arrangament ezistenti jigi formalizzat b'kuntratt ta' xoghol formali.

Fid-Dikjarazzjoni tal-kaz tieghu, l-appellant sostna li kien jahdem 54 siegha fil-gimgha u anke b'hinjiet zejda; qal li qatt ma thallas ghall-vacation leave, ghal xoghol maghmul fil-festi pubblici, fis-Sibtijiet u Hdud u ghall-overtime.

Qal li mbaghad gie pprezentat b'kuntratt ta' xoghol li ma kienx jistipula l-beneficcji li kull impjegat ghandu dritt ghalihom u ghalhekk irrifjuta jiffirmah.

Dan il-kuntratt kien jghid hekk :

CONTRACT OF EMPLOYMENT

Agreement entered into on ________/________/________

Employer: Il Palmento Limited
C/O Lancia Caffe'
Tigne Seafront
Sliema PE No. 717225

Employee : ____________________

Address : ________________________________

________________________________

________________________________

I.D. No. ____________ N.I. No _________________

Date of Birth________/________/________

Employed as : ____________________ F/T or P/T _______________

Wages : Lm 205.31 per month

Bonuses : As laid down by Government on a pro-rata basis.

Conditions : Six-day week with one day off per week.

N.I. Contributions : With the signing of this agreement the employee hereby authorises Il Palmento Limited to withhold one week's payment to cover the employee's weekly N.I. Contribution. This sum will be taken into consideration in the eventual termination of employment when the final calculation regarding total N.I. contributions paid on behalf of the employee is made. The difference will be refunded or deducted from the final settlement. Moreover the employee hereby accepts that he/she be paid Lm______per week to cover leave unavailed of and any extra payments due for duty on Sundays and Public Holidays.

Notice : As laid down by Government.

This contract forms the sole basis of all future remuneration payabel by the company to the employee.

____________________ ____________________

Il Palmento Limited Employee

Jidher ghalhekk li l-ilment tieghu kien ghax kien qed isostni li l-paga ta' Lm85 fil-gimgha kienet il-paga bazika biss u li kien anke ntitolat ghal bonus ta' Lm104 u Lm116 fis-sena oltre hlas ghall-*overtime*, hlas ghal xoghol fis-Sibtijiet, Hdud u Festi Pubblici u anke ghal *vacation leave*.

Jinghad hawn li l-kuntratt il-gdid li ma giex ikkunsidrat accettabbli, ipprovda ghall-hlas taz-zewg kwalitajiet ta' bonus, ghall-leave u anke ghal somma li kellha tigi miftehma biex tkopri *vacation leave* li ma jittehidx u hlas ghall-xoghol maghmul fil-Hdud u Festi Pubblici.

Il-proprjetarju tal-Caffe' sostna li meta l-appellant mar ghall-impjieg, hu kien qallu li jaghtih paga ta' LM85 fil-

gimgha, li kellha tkopri kollox biex ma joqghodx jikkalkola *vacation leave,* festi u affarijiet ohra ghax hemm kienu wkoll jahdmu b'sistema ta' zewg *shifts.*

L-*accountant* Gonzi qal li s-sistema ta' paga ta' LM85 li tkopri kollox, kien hadimha hu fuq bazi tal-paga minima nazzjonali - *plus or minus* xi ftit - b'zieda ta' sighat approssimattiva li jkun hemm bzonn ta' *overtime,* b'zieda tal-*leave* u wasal ghall-medja ta' LM85 fil-gimgha. Dan ghamlu kollox *rough* (bejn wiehed u iehor) u ma zammx *record* taghhom.

L-appellant, b'*affidavit,* cahad li kien accetta s-sistema ta' *lump sum payment* u sostna li kien ftiehem salarju ta' Lm85 fil-gimgha fuq sistema ta' zewg *shifts.*

Qal li qatt ma ha risposta fuq *leave* jew *overtime,* specjalment fuq xoghol fil-*weekend* u festi pubblici.

Qal ukoll li ma setax jaccetta li jithallas somma fil-gimgha biex tkopri *leave* li ma jiehux u hlas ghal xoghol fil-Hdud u Festi ghax hu qatt ma kien ghamel tali ftehim meta gie ngaggat, u ma riedx icedi drittijiet li huwa kellu.

Mix-xhieda ma tohrogx stampa cara dwar il-ftehim originali pero' mhux qed jigi kontestat jekk il-ftehim ta' Lm85 kienx legali. Il-kontestazzjoni hi li parti tghid li Lm85 kienu jkopru kollox u l-ohra tghid li kienet *basic wage.* Dan ifisser li allura l-ftehim il-gdid kien qed inaqqas tali Lm85 ghall-Lm47.37,0 (Lm205.31,0 fix-xahar) u qed jerga' jdahhal *lump sum payment* ghall-prestazzjonijiet li ghandhom jithallsu individwalment. Dan apparti l-*bonus* u l-*leave.*

It-Tribunal ikkalkola li Lm85 fil-gimgha jigu Lm4,420 fis-sena u jekk wiehed jassumi li kienu jinkludu Lm104 u Lm116 *bonus* (ghalkemm l-appellant ammetta li thallas xi somma bhala *bonus*)

il-paga bazika tigi Lm4,200 fis-sena jew Lm80.76,0 fil-gimgha, li ma hija xejn vicin il-paga minima nazzjonali anke jekk mizjuda b'*allowance* ragonevoli ghall-*shift*.

Jinghad ukoll li meta l-appellant beda jahdem, sab kollegi tieghu jithallsu b'dik is-sistema u anke hu dam xhur jithallas hekk, minkejja li kien qed jilmenta u allura t-Tribunal ihoss li jekk l-appellant kien konvint li ftiehem Lm85 bhala paga bazika, allura kien imissu ha passi mmedjati.

It-Tribunal ra u jaqbel ma' Decizjoni tat-Tribunal Industrijali diversament presedut, Kaz Nru. 1342 deciz fit-12 t'April, 2000 fejn gie sostnut li kuntratt ta' xoghol miftiehem volontarjament jorbot, sakemm jintemm ghal XI RAGUNI VALIDA, izda ghalkemm jorbot, mhux assolut u jista' jinbidel taht certi cirkostanzi.

Il-ftehim originali m'ghogobx lid-Dipartiment tax-Xoghol, li rrakkomanda wiehed formali u l-istess Dipartiment ma qajjem ebda oggezzjoni ma' dak propost u applikat mill-kumpanija; jinghad pero' li ma dahalx f'paraguni ma' dak originali. L-anqas ma ordna li jsir xi hlas ta' arretrati.

Ghal dawn il-mottivi, t-Tribunal ma' jistax jikkunsidra plawsibbli li l-paga bazika kienet ta' Lm85 fil-gimgha u jhoss li kienet intiza li tkopri kollox u allura l-appellant ma kienx gustifikat li jirrifjuta li jaccetta kambjament, mitlub mill-istess impjegati tal-kumpanija u redott wara vizita u direzzjoni mid-Dipartiment tax-Xoghol.

**DECIZJONI**

It-Tribunal jiddeciedi li l-appellant gie licenzjat ghal raguni valida u gusta.

Ghall-finijiet ta' doveri li jithallsu, t-Tribunal qieghed jiffissa dawn fis-somma ta' erbghin lira Maltin (Lm40) lil kull wiehed mid-difensuri li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

-------------------
**Maurice Petrocochino**
**CHAIRMAN**

------------------------
**Emma Muscat**
**A/SEGRETARJA**

mrg